25 ta' Ġunju, 1955

Imħallef:
Onor. Dr. A. V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

Konkors fuq il-Benefiċċju ta' Ġuspatronat Lajkali "ta' Libbon" sive "ta' Legano"

Saċerdot Don Vincenzo Fenech *versus* Kjeriku Filippo Grech

**Benefiċċju — Ġuspatronat — Fondazzjoni**

*Meta ma jeżistux l-atti tal-fondazzjoni ta' ġuspatronat lajkali, skond il-ġurisprudenza aċċettata mid-dottrina, l-istess ġuspatronat għandu jitqies u jiġi preżunt ta' oriġini ereditarja.*

*Skond id-dottrina u l-ġurisprudenza, il-ġuspatronat jista' minn ereditarju jiġi konvertit, kollu jew in parti, f'ġentilizju; u jiġi trasmess mit-testatur fl-eredi per mezz tal-istituzzjoni universali, kif ukoll mid-donant lid-donatarju per mezz ta' donazzjoni universali. U ma hemm xejn anormali illi f'linja l-ġuspatronat ikun sar ġentilizju, u fil-linji l-oħra jkun baqa' ereditarju.*

*Jekk it-testatur ikun impona xi kondizzjoni lill-eredi minnu istitwiti fil-preżentazzjoni ta' saċerdoti jew kjeriċi għall-benefiċċju ta' ġuspatronat minnu fondat, mhux konċepibbli, fin-nuqqas ta' espressjoni ċara u kategorika fit-tavoli testamentarji, li hu ried*

*illi l-patruni suċċessuri sostitwiti jkunu fil-pożizzjoni privileġġjata li jidħlu fl-istess drittijiet tan-nomina tal-istitwiti bla dak l-istess piż jew gravam impost lill-istess istitwiti. Il-prinċipju kanonizzat mill-ġurisprudenza hu li, meta ma jirriżultax minn volontà pożittiva kuntrarja mill-parti tat-testatur, ir-regola stabbilita sabiex tirregola s-suċċessjoni tal-istitwiti għandha tiġi ritenuta anki stabbilita sabiex tirregola dik tas-sostitwiti.*

Fuq il-libell tas-Saċerdot Don Vincenzo Fenech preżentat quddiem dina l-Qorti, fejn, wara li ppremetta illi: —

1. Bil-mewt tan-Nobbli Kjeriku Don Ignazio Carmelo Galea Testaferrata, li ġrat fil-11 ta' April, 1939, ivvaka l-benefizzju ta' ġuspatronat lajkali imsejjaħ "ta' Libben" sive "ta' Logano";

2. Huwa ġie nominat fl-attijiet tan-Nutar Calcedonio Gatt tas-17 ta' Mejju, 1939 (dok. A), u preżentat għal dana l-benefizzju mil-leġittimu patrun Nobbli Lorenzo Antonio dei Marchesi Testaferrata, u ġew lilu rilaxxjati l-ittri testimonjali sabiex jikkonkorri għal dana l-istess benefizzju (dok. B.);

3. L-imsemmi Lorenzo Antonio dei Marchesi Testaferrata, bħala dixxendenti maġġjornat minn Gio Vincenzo Castelletti (Dok. C u fidijiet 1-7) kien jippossjedi nofs il-vuċi attiva, kif jidher mis-sentenza mogħtija minn dina l-Qorti fit-13 ta' Ottubru, 1922, wara l-mewt ta' Ventura Inguanez, bint Antonio Goffredo Inguanez, fejn il-ġuspatronat inqasam bejn uliedu Francesco D'Alagona u Maria mart Alessandro Abela, u l-linja ta' Francesco d'Alagona estingwiet ruħha bil-mewt ta' Geronima mart il-Baruni Angardo Inguanez, li però, bit-testment tagħha fl-attijiet tan-Nutar Ferdinando Ciappara tal-21 ta' Mejju, 1587, ħalliet bħala eredi universali lil Gio Vincenzo Castelletti, u dana l-aħħar imsemmi, bit-testment tiegħu fl-attijiet tan-Nutar Luca Mamo tas-7 ta' Lulju, 1648, ħalla bħala eredi universali lill-uliedu Joannes Simeon u Andrette, u ordna illi wara l-mewt tagħhom id-dritt tal-preżentazzjoni għal dana l-benefiċċju jiġi eżerċitat minn binhom illi jkun l-aktar kbir mill-età u jkompli sejjer hekk "in infinito"; u kif jirriżulta mill-arblu ġenealoġiku (dok. C), l-imsemmi Lorenzo Antonio

..stafferrata huwa l-maskil maġġjornat dixxendenti minn Andreotto Castelletti;

4. *L-istess Lorenzo Antonio dei Marchesi* Testaferrata kellu wkoll sehem minn nofs l-ieħor tal-ġuspatronat; u dana s-sehem kien għadda għand Donna Maria d'Alagona, mart *Alessandro Abela; għadda imbagħad "jure haereditario"* għand it-tliet uliedha Agata mart Gio Antonio Xerri, Giuseppe Abela, u Vincenza mart Dr. Francesco Bonello (dok. D), u s-sehem ta' Agata Abela in Xerri għadda għand bintha Agatuccia, illi favur tagħha għamel donazzjoni l-imsemmi Giuseppe Abela, u Angela Muscati, dixxendenti ta' l-istess Agatuccia Lara, u ħalliet id-drittijiet tagħha ta' *nomina lill-Markiż Don Lorenzo* Testaferrata (dok. E), illi minnhom huwa dixxendenti u eredi "per intermedias personas" l-imsemmi Lorenzo Antonio dei Marchesi Testaferrata;

5. Għalhekk huwa għandu a favur tiegħu l-maġġoranza tal-vuċi attiva, u konsegwentement għandu drittijiet pożjuri għall-konkorrenti l-oħra, u għandu l-kwalitajiet kollha neċessarji sabiex jikkonsegwixxi l-imsemmi benefizzju;

*Prevja l-ħalleverija miġjuba għall-ispejjeż tal-ġudizzju,* talab li jiġi pregradwat għall-konkorrenti l-oħra għall-konsegwiment tal-benefiċċju fuq imsemmi, sabiex ikun jista' *jottjeni l-istituzzjoni kanonika;*

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi in segwitu għall-mewt tal-Kjeriku Ignazio Carmelo Galea Testaferrata ivvaka l-Benefiċċju "ta' Leben" sive "ta' Legano", u li dwaru l-libelli preżentati jikkonċernu;

Illi mill-proċessi konservati fil-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, u konsultati mill-perit maħtur f'dan il-proċediment *(ara Istituzzjoni Kanonika fl-imsemmi Benefiċċju tas-Saċerdot* Pietro Paolo dei Baroni Galea, dak tas-Saċerdot Don Giuseppe Giacomo dei Baroni Galea, u dak tas-Saċerdot Salvatore dei Conti *Manduca), ma jidhirx li hemm kwistjoni li* l-benefiċċju in diżamina huwa ta' ġuspatronat lajkali;

Illi mill-eżami tal-proċessi fil-Kurja u mid-dokumenti eżaminati mill-perit legali, għalkemm ma ġietx rintraċċjata l-fondazzjoni tal-benefiċċju "de quo agitur", *eppure jirri-*

żulta li l-eżerċizzju tan-nomina dwar il-benefiċċju lajkali imsemmi ġie dejjem eżerċitat minn żmien il-1500 u 1600 mill-familja li huwa mnissel minnha Antonio Goffredo Inguanez, li fl-annu 1533 kien il-patrun ta' l-istess benefiċċju "per intermedias personas" tal-fondatur (ara Konkors "Don Ercole Mamo Mompalao vs. Nicola Galea", tad-19 ta' Ġunju, 1886);

Illi meta ma jeżistux l-atti tal-fondazzjoni tal-ġuspatronat, skond il-ġurisprudenza aċċettata mid-dottrina, l-istess ġuspatronat għandu jiġi preżunt ta' oriġini ereditarja (ara Apostolica Costituzione ta' Clemente V, magħrufa bħala "Clementinam plures de jure patronatus");

Illi l-imsemmi Antonio Goffredo Inguanez kellu tliet dixxendenti, u ċjoè Ventura mart Gerolamo D'Alagona, Perna mart Ferdinando Guevara, u Caterina mart Ingutera D'Alagona; u għalkemm bl-attijiet tan-Nutar Matteo Surdo tal-11 ta' Awissu, 1953, ħalla bħala prelegat lil Donna Ventura Inguanez il-konferiment tad-drittijiet kollha li tippreżenta r-rettur fil-benefiċċju ta' ġuspatronat fejn huwa kellu d-dritt jinnomina lir-rettur, eppure dak il-prelegat ma kellu qatt effett, kif jidher, dwar il-legat imsemmi, fil-proċess ċitat fuq; l-għaliex id-dixxendenti tat-tfal l-oħra baqgħu dejjem jeżerċitaw id-dritt tagħhom (ara l-aħħar paragrafu tal-para. (g) tar-relazzjoni peritali);

Illi d-dritt ta' Ventura mart Gerolamo D'Alagona, bint Antonio Goffredo Inguanez, ġie maqsum bejn Maria mart Alessandro Abela u Francesco D'Alagona, u l-linja ta' dan l-aħħar imsemmi ġiet estinta fit-tifla tiegħu Geronima mart il-Baruni Angardo Inguanez; iżda din l-aħħar imsemmija, bit-testment magħmul fl-attijiet tan-Nutar Ferdinando Ciappara tal-21 ta' Mejju, 1587, (ara fol. 229 tal-process fuq imsemmi), ikkostitwiet bħala eredi universali tagħha, għall-parti tad-dritt lilha spettanti, lil Gio Vinċenzo Castelletti;

Illi l-imsemmi Gio Vincenzo Castelletti, bin Gio Francesco, bil-kuntratt tal-5 ta' Novembru 1636 fl-attijiet tan-Nutar Gio Luċa Mamo, għamel donazzjoni "Inter vivos" u "in perpetuum" tad-dritt tal-preżentazzjoni li kellu, jew li fil-futur seta' jkollu, fuq il-benefiċċji ta' ġuspatronat

żulta li l-eżerċizzju tan-nomina dwar il-benefiċċju lajkali imsemmi ġie dejjem eżerċitat minn żmien il-1500 u 1600 mill-familja li huwa mnissel minnha Antonio Goffredo Inguanez, li fl-annu 1533 kien il-patrun ta' l-istess benefiċċju "per intermedias personas" tal-fondatur (ara Konkors "Don Ercole Mamo Mompalao vs. Nicola Galea", tad-19 ta' Ġunju, 1886);

Illi meta ma jeżistux l-atti tal-fondazzjoni tal-ġuspatronat, *skond il-ġurisprudenza aċċettata mid-dottrina*, l-istess ġuspatronat għandu jiġi preżunt ta' oriġini ereditarja (ara Apostolica Costituzione ta' Clemente V, magħrufa bħala "Clementinam plures de jure patronatus");

Illi l-imsemmi Antonio Goffredo Inguanez kellu tliet dixxendenti, u ċjoè **Ventura** mart Gerolamo D'Alagona, Perna mart Ferdinando Guevara, u Caterina mart Ingutera D'Alagona; u għalkemm bl-attijiet tan-Nutar Matteo Surdo tal-11 ta' Awissu, 1953, ħalla bħala prelegat lil Donna *Ventura Inguanez il-konferiment tad-drittijiet kollha li tip*preżenta r-rettur fil-benefiċċju ta' ġuspatronat fejn huwa kellu d-dritt jinnomina lir-rettur, eppure dak il-prelegat ma kellu qatt effett, kif jidher, dwar il-legat imsemmi, fil-proċess ċitat fuq; l-għaliex id-dixxendenti tat-tfal l-oħra baqgħu dejjem jeżerċitaw id-dritt tagħhom (ara l-aħħar paragrafu tal-para. (g) tar-relazzjoni peritali);

Illi d-dritt ta' Ventura mart Gerolamo D'Alagona, bint Antonio Goffredo Inguanez, ġie maqsum bejn Maria mart *Alessandro Abela u Francesco D'Alagona*, u l-linja ta' dan l-aħħar imsemmi ġiet estinta fit-tifla tiegħu Geronima mart il-Baruni Angardo Inguanez; iżda din l-aħħar imsemmija, bit-testment magħmul fl-attiliet tan-Nutar Ferdinando Ciappara tal-21 ta' Mejju, 1587, (ara fol. 229 tal-process fuq imsemmi), ikkostitwiet bħala eredi universali tagħha, għall-parti tad-dritt lilha spettanti, lil Gio Vinċenzo Castelletti;

Illi l-imsemmi Gio Vinċenzo Castelletti, bin Gio Francesco, *bil-kuntratt tal-5 ta' Novembru 1636 fl-attijiet tan-*Nutar Gio Luċa Mamo, għamel donazzjoni "inter vivos" u "in perpetuum" tad-dritt tal-preżentazzjoni li kellu, jew li fil-futur seta' jkollu, fuq il-benefiċċji ta' ġuspatronat

1889, in re "Mamo vs. Franceschini et."; Vol. XII, pag. 185; u Pitonii Dis. Jure.—pag. 109, no. 17, u pag. 188; De Luca "De Jure Patr.", Disc. LX, no. 22). Hawn għandu jingħad li ma hemm xejn anormali li f'linja l-ġuspatronat ikun sar ġentilizju, u li fil-linji l-oħra jkun baqa' ereditarju, kif isostni l-istess Pitonii (ara Decrep. Jure II, pag. 476, no. 2, u pag. 186), kif donnu jidher li avvera ruħu f'dan il-każ għall-linja ta' Maria mart Alessandro Abela, bint Ventura D'Alagona, u din l-aħħar bint Antonio Goffredo Inguanez, fil-konfront tat-tnissil li minnu għandhom kawża d-dixxendenti ta' Gio Vincenzo Castelletti;

Illi f'dan il-punt huwa opportun li jingħad li din il-Qorti ma tħossiex li tista' taqbel mat-teżi tal-libellant, fejn sostna illi l-kondizzjoni tal-preżentazzjoni ta' sacerdoti jew kjerici "ipsis ben visos ex pauperibus et habitantibus hujus Notabilis civitatis et ..... Rabato"[6] għandha tiġi nterpretata bħala mposta biss lill-eredi istitwiti (Simeone u Andreotto), u mhux ġa anki lill-patruni successuri sostitwiti. Infatti, jekk bniedem jeżamina tajjeb id-dispożizzjoni in parola, għandu jasal għal konklużjoni differenti, u cjoè li t-testatur fin-nomina tas-sostitwiti ma weriex l-intenzjoni li jrid ivarja *l-obligi imposti fl-istituzzjoni ta' l-eredi immedjati*. Del resto, jekk it-testatur impona dik ir-restrizzjoni lill-eredi istitwiti minnu, li lejhom u għalihom huwa preżunt li kellu l-aqwa grad ta' affezzjoni, tant li nnominahom eredi universali, mhux koncepibbli, f'nuqqas ta' espressjoni cara u kategorika fit-tavoli tal-fondazzjoni, li huwa *ried li s-sostitwiti jkunu fil-pożizzjoni privileġġjata li* jidħlu fl-istess drittijiet tan-nomina ta' l-istitwiti bla dak l-istess piż jew gravam impost lill-istess uliedu. In sostenn ta' dina t-teżi jingħad li huwa principju kanonizzat mill-ġurisprudenza li, meta ma jirriżultax minn volontà pożittiva kuntrarja mill-parti tat-testatur, ir-regola stabbilita sabiex *tirregola s-successjoni ta' l-istitwiti għandha tiġi ritenuta* anki stabbilita sabiex tirregola dik tas-sostitwiti (Prim'Awla Civili, "Sant Fournier utrinque", 18 ta' Frar, 1893; u Peregrinus, "De fideicommissis", pag. 311, no. 46, art. 34);

Illi bil-kuntratt magħmul fl-attijiet tan-Nutar Vittorio Giamalva tal-5 ta' Jannar, 1761 ġiet stipulata l-alternattiva

bejn il-linji tad-dixxendenti ta' Simeone u dik ta' Andreotto (ara Proċessi konservati fil-Kurja Arċiveskovili, Istituzzjoni fl-imsemmi Benefiċċju tas-Saċerdot Pietro Paolo dei Baroni Galea, dik tas-Saċerdot Don Giuseppe Giacomo dei Baroni Galea, u dik tas-Saċerdot Salvatore dei Conti Manduca); u dina t-transazzjoni ġiet konfermata mill-Ordinarju;

Illi l-linja ta' Simeone Castelletti hija estinta (ara proċess Prim'Awla Ċivili 30 ta' Jannar, 1888, in re "Nobile Nicola dei Baroni Galea ne. vs. Chierico Francesco Saverio Vassallo");

Illi kwindi n-nofs tad-dritt tal-preżentazzjoni tal-benefiċċju "do quo dicimus", in kwantu mnissel minn Ventura D'Alagona, bint Antonio Goffredo Inguanez, baqa' konċentrat fil-linea ta' Andreotto Castelletti, taht l-istess liġijiet kontenuti fl-att tal-fondazzjoni, u li minnha mnissel Lorenzo Antonio Testaferrata skond id-dok. 7 tal-proċess;

Illi n-nofs l-iehor tal-istess dritt tal-prezentazzjoni tal-benefiċċju imsemmi, kif fuq intqal, ghadda ghand Maria D'Alagona, mart Alessandro Abela, li kellha tliet itfal, u ċjoè Giuseppe Abela, Agata Abela in Gio Antonio Xerri, u Vincenzo Abela in Francesco Bonello (ara arbli ġenealoġiċi fil-proċess ċivili "Saċ. Francesco Conte Teuma Castelletti vs. Mons. Canonico Don Paolo Muscat", deċiż fit-13 ta' Ottubru 1922); u dana n-nofs ma jidherx li huwa ġie b'xi mod aggravat; anżi taht iċ-ċirkustanzi li ntqalu ghandu jkun preżunt ereditarju;

Illi mill-istess proċess fuq ċitat jidher li Lorenzo Antonio Testaferrata ġunjore ghandu oriġini tant mill-linea ta' Agata Abela in Gio Antonio Xerri kemm ukoll minn dik ta' Vincenza Abela in Bonello. Infatti, Agata Abela, li żżewġet ma' Gio Antonio Xerri, kellha t-tifla Agata sive Agatuccia, li l-ewwel iżżewġet lil Alfonso Xara, u mbghad lil Dr. Pietro Paolo Galea. Miż-żwieġ taghha ma' Alfonso Xara tnisslet Teresa Xara, li żżewġet lil Dr. Fisico Claudio Muscati. Minn dina l-linea tnissel, kif jidher mill-proċess imsemmi (fol. 147), Diego Antonio Muscati ġunjore, li żżewweġ lil Elizabetta Dorell. u hija mnissla direttament minn Vincenzo Abela in Bonello, oht Agata

Abela in Xerri. Minn din l-aħħar unjoni twieldet Angela Muscati in Carlo Filomarino, li fl-attijiet tan-Nutar Troisi Melville tal-25 ta' Settembru 1834 ħalliet bħala eredi tagħha lil Lorenzo Antonio Testaferrata senjore, li minnu huwa dixxendenti dirett Lorenzo Antonio Testaferrata ġunjore, li ppreżenta l-libellant. Jingħad ukoll li Giuseppe Abela, ħu Agata Xerri in Vincenza Bonello, kien iddona il-"jus nominandi" tal-benefiċċju "de quo dicimus" lil Agatuccia Xerri, li miż-żwieġ tagħha ma' Alfonso Xara tnisslet Angela Muscati in Filomarino, li ħalliet, kif fuq intqal, eredi tagħha lin-nannu tal-padrun odjern;

Illi minn dana li ntqal fuq jitnissel li Lorenzo Antonio Testaferrata, bin il-mejjet Markiż Mario Filippo Testaferrata (fol. 14 tal-proċess), kellu nofs id-dritt tan-nomina tal-benefiċċju "de quo"; tant bħala dixxendenti ta' Gio Vincenzo Castelletti, hekk ukoll "jure haereditario" kellu drittijiet tal-istess vuċi attiva derivanti mill-linji ta' Agata Abela in Xerri u Vincenza Abela in Bonello, kif fuq ġie espost;

Illi, anki jekk mid-dritt imnissel minn Gio Vincenzo Castelletti kellu jiġi ritenut illi l-kondizzjoni tar-residenza mposta kienet tipprekludi lill-libellant odjern mill-pregradwazzjoni, apparti l-fatt li l-preċedenti possessur tal-benefiċċju kien joqgħod il-Belt, id-dritt tan-nomina riżultanti fin-nofs tal-vuċi attiva l-oħra ma jirriżultax li kien ġie qatt assoġġettat għal ebda modifika jew restrizzjoni tar-residenza fil-konfronti tal-persuna li kellha tiġi nominata jew preżentata;

Illi jingħad ukoll illi l-libellant huwa l-lum l-uniku konkorrent; għaliex il-konkorrent l-ieħor Kjeriku Filippo Grech ippreżenta r-risposta u rispettiv libell tiegħu barra mit-terminu, u l-istess attijiet ġew dikjarati minn dina l-Qorti nulli u inattendibbli (ara fol. 78);

Illi l-libellant huwa persuna idonea, u ċjoè għandu r-rekwiżiti kollha meħtieġa mid-Dritt Komuni u minn dak li jitlob il-kanoni 1463 tal-Kodiċi Kanoniku. Infatti, huwa ornat bin-nobbiltà tal-virtù, anzi huwa diġà saċerdot, u munit bil-"Lettere Testimoniali";

Għal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeċidi billi taderixxi għat-talba proposta bil-libell tas-Saċerdot Don Vincenzo Fenech;

L-ispejjeż, barra minn dawk li diġà ġew deċiżi, jibqgħu a kariku tal-Kjeriku Grech, barra minn dawk tal-perizja, li provviżorjament iħallashom il-libellant Fenech, b'riżerva kontra min u kif trid il-liġi.